**294. Il-Ministru għall-Ambjent, l-Onor. Francis Zammit Dimech ippropona:**

Billi s-şubartikolu (1) tal-artikolu 3 tal-Att dwar it-Trasferiment ta' Artijiet tal-Gvern (Kap 268) jipprovdi fost affarijiet oħra li ebda art li tkun proprjetà tal-Gvern jew li hi amministrata minnu ma tista' tiġi trasferita kemm-il darba dak it-trasferiment ma jsirx skont id-dispożizzjonijiet tal-imsemmi subartikolu; u

Billi l-paragrafu (b) tal-istess subartikolu (1) jipprovdi li dan it-trasferiment jista' jsir skont policy applikabbli għall-art li jkun hemm il-ħsieb li tiġi trasferita u approvata b'Riżoluzzjoni tal-Kamra tad-Deputati li tkun fis-seħħ fil-ħin tat-trasferiment; u

Billi s-subartikolu (1) tal-artikolu 33 tal-Att tal-1993 dwar Kunsilli Lokali jipprovdi li fost il-funzjonijiet tal-Kunsilli Lokali hemm ukoll provdut li l-Kunsilli Lokali għandhom jipprovdu li jsiru, jinżammu fi stat tajjeb u l-manutenzjoni ta' ċentri ta' sport jew divertiment ieħor; u

Billi hija l-*policy* tal-Gvern li l-Kunsilli Lokali jkunu awtorizzati li jamministraw dawk iċ-ċentri ta' sport u divertiment li ma humiex esklużi bir-Raba' Skeda li tinsab mal-Att tal-1993 dwar Kunsilli Lokali u xi faċilitajiet sportivi oħra kif ukoll li ċerti faċilitajiet sportivi jiġu amministrati mill-Fondazzjoni Sport;

Għalhekk qiegħed jiġi b'dan riżolut li:

Art tal-Gvern tista' tiġi trasferita għal skop ta' attività sportiva b'titolu ta' encroachment, kirja jew enfitewsi ta' aktar minn ħamsin (50) sena hekk kif stipulat hawn taħt:

(i) fil-każ ta' dawk il-faċilitajiet li huma elenkati fi Skedi Al u A2 mehmuża ma' din ir-Riżoluzzjoni, kif ukoll fil-każ ta' faċilitajiet. futuri oħra fejn il-Gvern ma jħossx li l-amministrazzjoni tagħhom għandha tgħaddi għand il-Kunsilli Lokali,

- il-proprjetà elenkata fi Skeda Al, kif ukoll fil-każ ta' faċilitajiet futuri oħra fejn il-Gvern iħoss li jistgħu jingħataw b'titolu ta' kirja jew enfitewsi, għandha tiġi allokata permezz ta' kirja jew enfitewsi direttament lill-entitajiet li jkunu qegħdin jew ser jużawha; u

- fil-każ tal-proprjetà elenkata fi Skeda A2, kif ukoll fil-każ tal faċilitajiet futuri oħra mhux imsemmija fis-sub-paragrafu preċedenti, din tista' tiġi allokata biss permezz ta' *encroachment* direttament lill-entitajiet li jkunu qegħdin jew ser jużawha.

Fiż-żewġ każijiet fuq imsemmija l-allokazzjoni għandha ssir fuq rakkomandazzjoni tal-Fondazzjoni Sport u skont kundizzjonijiet u termini stabbiliti mill-Fondazzjoni. Wara li l-allokazzjoni tkun saret mid-Dipartiment tal-Artijiet, l-amministrazzjoni tal-kuntratt u tal-proprjetà hekk allokata għandha tgħaddi għand il-Fondazzjoni Sport;

(ii) fil-każ tal-faċilitajiet l-oħra diġà eżistenti u li huma elenkati fi Skeda B mehmuża ma' din ir-Riżoluzzjoni, il-proprjetà għandha tiġi allokata direttament mill-Gvern fi żmien sitt xhur mis-seħħ ta' din ir-Riżoluzzjoni lil dawk li fil-mument tal-ghotja jkunu diġà *de facto* qed jamministraw il-faċilitajiet sportivi. Hu l-ħsieb tal-Gvern li fit-tmiem tal-perijodu ta' sitt xhur imsemmi aktar 'il fuq l-amministrazzjoni ta' dawn il-kuntratti tiġi delegata mill-Gvern lill-Kunsilli Lokali konċernati bis-saħħa tal-paragrafu (m) tas-subartikolu (1) tal-artikolu 33 tal-Att ta1-1993 dwar Kunsilli Lokali; u

(iii) fil-każ ta'. faċilitajiet oħra li huma elenkati fi Skeda C mehmuża ma' din ir-Riżoluzzjoni, u dawk futuri, fejn il-Gvern hu tal-parir li dik il-faċilità għandha tiġi amministrata mill-Kunsill Lokali, kif ukoll fil-każ ta' xoljiment jew terminazzjoni ta' allokazzjoni magħmula bis-saħħa

ta' paragrafu (ii) hawn. fuq jew ta' dan il-paragrafu stess, il-fondi hekk vakati għandhom jiġu allokati direttament. mill-Kunsilli Lokali, hekk kif huma ser jiġu debitament delegati.

Dawn il-għotjiet għandhom jinkludu, fost kundizzjonijiet oħra (mutatis mutandis fejn hu neċessarju rigward dawk il-faċilitajiet li ser jiġu amministrati mill-Fondazzjoni Sport) il-kundizzjonijiet hawn taħt imsemmija:

1. Il-fond mogħti għandu jintuża primarjament għal għan u attività sportiva iżda dan ma jeskludix il-possibiltà li d-detentur tat-titolu jagħti b'appalt il-*bar* jew faċilità ta' *catering* li jagħmlu parti mill-faċilitajiet mogħtija, kif ukoll jesebixxi reklami bi ħlas.

2. Id-Detentur tat-titolu għandu, a spejjeż tiegħu u bla ebda dritt ta' kumpens, jagħmel dawk ix-xogħolijiet u miljoramenti kollha anke ta' natura straordinarja u/jew kapitali biex il-fond jintuża għall-għan li ġie mogħti. Dawn ix-xogħlijiet u/jew miljoramenti anke qabel ma jkunu tlestew isiru ipso facto tal-Gvern.

3. Id-detentur tat-titolu ma jkunx jista' jċedi, jissulloka jew jidħol fi sħubija dwar il-fond sew kollu kemm ukoll biċċa minnu.

4. Id.detentur. tat-titolu għandu, a spejjeż tiegħu u bla ebda dritt ta' kumpens, iżomm il-fond fi stat tajjeb ta' manutenzjoni kif ukoll jagħmel dawk ix-xogħlijiet u tiswijiet kollha neċessarji.

5. Id-detentur tat-titolu ghandu jhalli jidhol fil-fond kull persuna inkarigata mill-Gvern jew mill-Kunsill Lokali biex jaghmel spezzjonijiet fil-fond.

6. Id-detentur tat-titolu għandu jħalli l-faċilitajiet aċċessibbli għal kulħadd, iżda dan ma jeskludix id-detentur tat-titolu milli jitlob miżata u jagħmel kundizzjonijiet xierqa u raġonevoli għal dan l-użu tal-faċilitajiet, liema kundizzjonijiet u miżata għandhom jiġu ffissati minn żmien għal żmien wara konsultazzjoni mal-Kunsilli Lokali.

7. Id-detentur tat-titolu jrid ikollu statut li jiddefinixxi u jirregola l-eżistenza, l-funzjonijiet u l-għanijiet tiegħu. Is-Sindku tal-lokalità jew ir-rappreżentant tiegħu għandu jkun mistieden biex jattendi l-laqgħa Ġenerali annwali bħala osservatur.

8. II-Gvern u l-Kunsill Lokali jkollhom d-dritt li mhux iktar minn sitt (6) darbiet f'xi sena kalendarja jagħmlu użu tal-faċilità wara li jkunu taw avviż bil-quddiem bil-miktub ta' mhux inqas minn erba' (4) ġimghat.

9. Id-detentur tat-titolu jista' jiġi mitlub mill-Gvern jew mill-Kunsill Lokali sabiex jikseb polza ta' sigurtà dwar riskji għal terzi fi żmien ġimgha mill-bidu tal-kirja.

10. Kull Kunsill Lokali jkollu d-dritt li jirċievi u li jżomm għalih għoxrin fil-mija (2.0%) tal-kera dovuta lill-Gvern u dan bis-saħħa tad-delega tar-responsabbiltajiet li ser tiġi mogħtija lilu taħt l-artikolu 33 tal-Att ta1-1993 dwar Kunsilli Lokali.

11. Il-ħlas magħmul b'kumpens għall-użu tal-art taħt kwalunkwe titolu għandu jsir lill-Fondazzjoni Sport jew lill-Kunsill Lokali skont il-każ b'dan illi, wara li l-Kunsill Lokali jkun żamm għalih l-għoxrin fil-mija. (20%) dovuta lilu, jgħaddi l-kumplament lill-Fondazzjoni. L-ammont ta' dan il-kumpens dovut isir skont skeda

magħmula mill-Fondazzjoni applikabbli għal kull kategorija ta' faċilità li tiddetermina l-ammont dovut skont il-kejl tal-faċilità sportiva u skont konsiderazzjonijiet oħra (pereżempju, investiment mill-Gvern) u dan indipendentement mil-Lokalità fejn tkun tinstab kull faċilità.

15.07.1996